**Fjura tad-deheb tiegħi**

Inħsadt meta smajt li ħallejtna hekk kmieni
Għedt: "Mank għext naqra oħra, konna ngawduk?
Imma issa li tlaqt hekk mgħaġġla, xi pwieni,
Għalija w l-għeżież tiegħek, kif ħa nżuruk?

Naf, ħajtek ma kinitx daqshekk ħafifa
Bkejt ukoll bi dmugħek midfun fit-tbissim,
Għal dal-fatt qalbi muġugħa, x'tiġrifa
Li mara bħalek kellek tbati, x'destin!

Imma naf li issa mistieħa oħti
Għand Kristu li ma kontx taf, lilu ħabbejt,
Meta quddiemi kont tgħidlu, hemm mgħotti:
"O Ġesù jiena nafda fik!" b'dawk għajnejk.

Ħallejtli sliem kbir l'għandi miegħi
Għal ħlewwietek fjura tad-deheb tiegħi.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.